Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**10300/25**
**ADD 13**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0162 (NLE)**

**AELE 53**
**CH 19**
**MI 400**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ġunju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 309 annex |
| Suġġett: | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill<br>dwar il-konklużjoni ta’ pakkett wiesa’ ta’ ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 309 - Annex 13.

---

Mehmuż: COM(2025) 309 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 309 final

ANNEX 13

**ANNESS**

***tal-***

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni ta’ pakkett wiesa’ ta’ ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera**

MT MT

Dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera

Dikjarazzjonijiet Konġunti li jakkumpanjaw il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni:

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IĊ-ĊITTADINANZA TAL-UNJONI

Il-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni kif introdott bit-Trattat ta' Maastricht (issa l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) ma għandux ekwivalenti fil-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni.

Minn dan isegwi li l-integrazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE fil-Ftehim, soġġetta għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim, għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tar-rilevanza għall-Ftehim tal-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qabel jew wara l-iffirmar tal-Ftehim, abbażi tal-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Dik ir-rilevanza għandha tiġi ddeterminata, f'konformità mal-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni, inkluż id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim.

Il-Ftehim ma jipprovdix bażi legali għal drittijiet politiċi taċ-ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IL-PREVENZJONI U L-AZZJONI KONTRA L-ABBUŻ TAD-DRITTIJIET MOGĦTIJA MID-DIRETTIVA 2004/38/KE

Il-Partijiet Kontraenti jikkonfermaw l-objettiv komuni tal-prevenzjoni u l-azzjoni kontra l-abbuż tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 2004/38/KE[1], f'konformità mal-Artikolu 35 ta' dik id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-assistenza soċjali.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IR-RIFJUT TAL-ASSISTENZA SOĊJALI U T-TERMINAZZJONI TAR-RESIDENZA QABEL IL-KISBA TA' RESIDENZA PERMANENTI

Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini Żvizzeri ma jsirux ta' piż mhux raġonevoli fuq is-sistemi ta' assistenza soċjali tal-Iżvizzera u tal-Istati Membri rispettivament. Għal din ir-raġuni, il-Partijiet:

(i) jistgħu, matul l-ewwel 3 xhur ta' residenza, jirrifjutaw l-aċċess għall-assistenza soċjali lil persuni li ma jkunux ħaddiema, persuni b'impjieg indipendenti, persuni li jżommu status ta' ħaddiem jew ta' persuna b'impjieg indipendenti u l-membri tal-familja tagħhom, mingħajr ma ssir valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tal-persuna;

(ii) jistgħu jirrifjutaw li jagħtu għajnuna soċjali lil persuni ekonomikament inattivi li ma jikkonformawx mar-rekwiżit li jkollhom biżżejjed riżorsi għalihom infushom u għall-membri tal-familja tagħhom;

[1] Id-Direttiva 2004/38/KE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77), kif applikabbli skont l-Anness I tal-Ftehim.

(iii) jistgħu, għal dawk li jkunu qed ifittxu l-ewwel impjieg u għal persuni li ma jżommux status ta' ħaddiem jew ta' persuna b'impjieg indipendenti, jirrifjutaw li jagħtu assistenza soċjali mingħajr ma ssir valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tal-persuna.

F'konformità mal-Artikolu 14 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/38/KE[1], l-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu jkeċċu persuni li ma jkunux għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għal dritt ta' residenza, bħal persuni li ma jkunux għadhom iżommu status ta' ħaddiem jew ta' persuna b'impjieg indipendenti u li ma jgawdux drittijiet ta' residenza abbażi ta' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva. Sabiex iżommu status ta' ħaddiem, il-ħaddiema jew il-persuni b'impjieg indipendenti, minbarra dawk li ma jkunux jistgħu jaħdmu għal żmien temporanju minħabba mard jew aċċident, li jkunu spiċċaw qiegħda b'mod involontarju, iridu jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu impjieg mal-uffiċċji tal-impjiegi rilevanti u jissodisfaw ir-rekwiżiti biex ikomplu jiġu rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu impjieg mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, dment li dawn ir-rekwiżiti ma jkunux diskriminatorji. F'dan il-kuntest, l-Istat ospitanti jista' jqis, fuq bażi ta' każ b'każ u billi japplika l-istess standard għaċ-ċittadini tiegħu stess, jekk persuna li qed tfittex impjieg hijiex qiegħda ġenwinament tikkoopera *in bona fide* mal-uffiċċju rilevanti bil-ħsieb li terġa' tidħol fis-suq tax-xogħol. L-objettiv ta' din il-kooperazzjoni huwa li l-persuna li qed tfittex impjieg issib impjieg f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Jenħtieġ li dan jiġi applikat f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

1 Id-Direttiva 2004/38/KE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77), kif applikabbli skont l-Anness I tal-Ftehim.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IN-NOTIFIKA TAL-BIDU TA' IMPJIEG

Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li l-allinjament dinamiku mill-Iżvizzera mal-atti legali tal-Unjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' obbligi amministrattivi proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq l-impjegaturi biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet dwar il-bidu ta' impjieg, bħall-proċedura ta' notifika Żvizzera għal soġġorni għal żmien qasir relatati max-xogħol, maħsuba biex jippermettu lill-awtoritajiet rilevanti jwettqu kontrolli effiċjenti tas-suq tax-xogħol.

Jenħtieġ li kwalunkwe obbligu amministrattiv bħal dan ma jaffettwax id-dritt ta' residenza tal-persuna, inkluż għall-fini li tinkiseb residenza permanenti.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IL-KONVENZJONI TAR-RIKONOXXIMENT TAL-KWALIFIKI

Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li l-Istati Membri kollha u l-Iżvizzera huma partijiet għall-Konvenzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki fir-rigward tal-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew u jikkonfermaw li jikkonformaw magħha, kif fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju, fl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-POŻIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL VAKANTI

Jenħtieġ li l-allinjament dinamiku Żvizzeru mal-acquis tal-EURES ma jinterferix mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 121a tal-Kostituzzjoni Federali Żvizzera, li tipprevedi obbligu għall-impjegaturi Żvizzeri li jirreġistraw pożizzjonijiet vakanti ta' professjonijiet speċifiċi b'livell ogħla mill-medja ta' qgħad maċ-ċentru reġjonali tal-impjiegi (RAV) qabel ma l-pożizzjonijiet vakanti jsiru pubbliċi u jiġu trażmessi fil-portal tal-EURES.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR OBJETTIVI KOMUNI RIGWARD IL-LIBERTÀ
LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI GĦAL SA 90 JUM TAX-XOGĦOL
U L-IŻGURAR TAD-DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA STAZZJONATI

L-Iżvizzera u l-Unjoni jikkondividu l-objettiv komuni li jagħtu liċ-ċittadini tagħhom kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi tagħhom kundizzjonijiet ekwi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal sa 90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja (li jinkludi l-istazzjonar tal-ħaddiema) filwaqt li jiġu żgurati bis-sħiħ id-drittijiet tal-ħaddiema.

L-Iżvizzera u l-Unjoni jikkondividu l-fehma li huma meħtieġa kontrolli proporzjonati u mhux diskriminatorji biex tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-applikazzjoni korretta u effettiva tar-regoli li jipproteġu lill-ħaddiema billi jiġu evitati l-abbuż u ċ-ċirkomvenzjoni.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR SISTEMI TA' KONTROLL EFFETTIVI
INKLUŻA S-SISTEMA TA' INFURZAR DOPPJU TAL-IŻVIZZERA

Il-Partijiet Kontraenti jiddikjaraw li jenħtieġ li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Iżvizzera u l-Istati Membri jkunu xierqa, effettivi u mhux diskriminatorji. Il-korpi kompetenti tal-infurzar skont id-dritt nazzjonali jenħtieġ li jwettqu kontrolli effettivi fit-territorju tagħhom sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' kontrolli effettivi biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli hija tal-awtoritajiet maħtura u ta' korpi rilevanti oħra ta' monitoraġġ u infurzar skont id-dritt nazzjonali, li, bħal fil-każ tal-Iżvizzera, jista' jinkludi s-sħab soċjali, f'konformità mas-sistema ta' infurzar doppju tal-Iżvizzera. Dan l-arranġament jiżgura li s-setgħat ta' kontroll u ta' sanzjoni ta' dawn l-entitajiet jiġu mħarsa u rispettati. Jenħtieġ li l-kontrolli jitwettqu b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju, filwaqt li jitqies li l-Ftehim jillimita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal sa 90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-PRINĊIPJU
TA' "PAGA UGWALI GĦAL XOGĦOL UGWALI FL-ISTESS POST"
U DWAR LIVELL PROPORZJONAT U ADEGWAT
TA' PROTEZZJONI TAL-ĦADDIEMA STAZZJONATI

Meta jitqies l-objettiv komuni tagħhom li jħarsu l-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post" u li l-Iżvizzera ilha tapplika dan il-prinċipju mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-1 ta' Ġunju 2002 u li saħħet l-implimentazzjoni tiegħu f'dawn l-aħħar snin abbażi ta' analiżi oġġettiva tar-riskju u l-proporzjonalità tal-kontrolli, kemm l-Iżvizzera kif ukoll l-Unjoni jistgħu jiggarantixxu livell proporzjonat u adegwat ta' protezzjoni. L-għan tagħhom huwa li jiggarantixxu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi filwaqt li jiżguraw l-infurzar ekwu u effettiv tar-regolamenti, u b'hekk jipprevjenu kwalunkwe każ ta' abbuż jew ċirkomvenzjoni.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-IŻVIZZERA
FL-ATTIVITAJIET TAL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

Jenħtieġ li l-Iżvizzera tkun tista' tkompli tipparteċipa fil-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol bħala osservatur, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' ħidma li l-Awtorità tista' tistabbilixxi mal-Iżvizzera f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2019/1149[1].

1 Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21), inkluż kwalunkwe emenda sussegwenti.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IS-SISTEMA TA' REĠISTRAZZJONI DIKJARATORJA
TAL-ĦADDIEMA FRUNTALIERA

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li, jekk l-Iżvizzera tikkunsidra li tirreġistra ħaddiema fruntaliera għal finijiet dikjaratorji f'konformità mal-Artikolu 7a tal-Ftehim, jenħtieġ li tindirizza dan mal-Istati Membri ġirien fil-fora bilaterali rilevanti. Jenħtieġ li tali diskussjonijiet ma jirriżultawx fi trattament differenti bejn il-ħaddiema fruntaliera skont il-Ftehim u huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema fruntaliera skont il-Ftehim.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-INKLUŻJONIJIET TA' ŻEWĠ ATTI LEGALI TAL-UE
FL-ANNESS I TAL-FTEHIM

Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li r-Regolament (UE) 2024/2747[1] jaqa' parzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jaqblu li l-Kumitat Konġunt għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-integrazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Anness I tal-Ftehim immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim. L-integrazzjoni għandha tqis il-karattru orizzontali tar-Regolament u r-rabtiet potenzjali ma' ftehimiet bilaterali oħra bejn il-Partijiet Kontraenti.

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/2747 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' miżuri relatati ma' emerġenzi tas-suq intern u mar-reżiljenza tas-suq intern u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 (Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern) (ĠU L, 2024/2747, 8.11.2024).

Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li d-Direttiva (UE) 2024/2841[1] taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jaqblu li l-Kumitat Konġunt għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-integrazzjoni ta' dan id-Direttiva fl-Anness I tal-Ftehim immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim.

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TAKKUMPANJA L-PROTOKOLL DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

Jekk il-Kummissjoni Ewropea tagħti appoġġ finanzjarju, fi kwalunkwe forma, li ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont dan il-Protokoll, u li joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni billi jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, l-Iżvizzera tista' titlob konsultazzjonijiet biex tiġi diskussa l-kwistjoni.

---

[1] Id-Direttiva (UE) 2024/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L, 2024/2841, 14.11.2024).

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TAKKUMPANJA
L-PROTOKOLL EMENDATORJU
GĦALL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA
U PASSIĠĠIERI PERMEZZ TAL-LINJI TAL-FERROVIJA U TAT-TRIQ

1. Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li d-dritt applikabbli tal-UE jippermetti li l-korpi nazzjonali indipendenti ta' allokazzjoni tal-kapaċità jkunu kompetenti biex jallokaw mogħdijiet tal-ferrovija b'mod mhux diskriminatorju.

   Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li f'konformità mad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32), il-ġestjoni tat-traffiku tibqa' fil-kompetenza tal-maniġers tal-infrastruttura nazzjonali.

2. Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li, soġġett għar-regoli tal-kompetizzjoni rispettivi, id-dritt tal-UE applikabbli ma jipprekludix lill-gruppi internazzjonali milli joperaw servizzi internazzjonali, inkluż servizzi internazzjonali li huma parzjalment magħmula minn servizzi li jipparteċipaw fl-iskeda tal-ħinijiet b'intervalli regolari.

3. Il-Partijiet Kontraenti jagħmlu ħilithom biex jestendu l-miżuri tranżitorji għall-iffaċilitar tat-traffiku ferrovjarju bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea previsti bid-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Komunità/tal-Iżvizzera (ĠU UE L 13, 17.1.2020, p. 43) f'intervalli ta' 3 snin, soġġett għad-deċiżjonijiet rispettivi tal-Kumitat Konġunt.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TAKKUMPANJA
L-PROTOKOLL DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT
GĦALL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA U PASSIĠĠIERI PERMEZZ TAL-LINJI TAL-FERROVIJA U TAT-TRIQ

Jekk il-Kummissjoni Ewropea tagħti appoġġ finanzjarju, fi kwalunkwe forma, li ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont dan il-Protokoll, u li joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni billi jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, l-Iżvizzera tista' titlob konsultazzjonijiet biex tiġi diskussa l-kwistjoni.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
LI TAKKUMPANJA L-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR L-ELETTRIKU

Jekk il-Kummissjoni Ewropea tagħti appoġġ finanzjarju, fi kwalunkwe forma, li ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont dan il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Elettriku, u li joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni billi jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, l-Iżvizzera tista' titlob konsultazzjonijiet biex tiġi diskussa l-kwistjoni.

Dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera

## DIKJARAZZJONI MILL-IŻVIZZERA DWAR MIŻURI LI JRIDU JITTIEĦDU FIR-RIGWARD TA' PERSUNI B'IMPJIEG INDIPENDENTI FIL-KUNTEST TAL-PROĊEDURA TA' NOTIFIKA GĦAL SOĠĠORNI GĦAL ŻMIEN QASIR RELATATI MAX-XOGĦOL

L-Iżvizzera tiddikjara li, fid-dawl tas-soluzzjonijiet dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema deskritt fl-Anness I tal-Ftehim u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-notifika tal-bidu ta' impjieg, hija se tieħu, jekk ikun meħtieġ, miżuri biex tiżgura li l-persuni b'impjieg indipendenti ma jwettqux ċirkomvenzjoni ta' dawn ir-regoli.

Dikjarazzjoni li takkumpanja l-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa

DIKJARAZZJON
MILL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR
L-INKLUŻJONI TAL-ELEMENTI ISTITUZZJONALI B'ANALOĠIJA
FIL-FTEHIM DWAR IS-SAĦĦA

Il-Konfederazzjoni Żvizzera tiddikjara li l-elementi istituzzjonali komuni għall-ftehimiet fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera huma inklużi biss b'analoġija f'dan il-Ftehim, peress li dan huwa meħtieġ għall-funzjonament tal-kooperazzjoni stabbilita fih. Dan ma jikkostitwix preċedent fir-rigward ta' ftehimiet futuri li ma humiex fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

________________